MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2319/2000/1

**Mario u Suzanne konjugi Schembri et**

**vs**

**Dr. Anthony Galea Debono M.D., F.R.C.P., F.R.C.P.E., u Vivian Galea Debono u d'digriet tat-28 t'Awwissu 2001, Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Louisa Tufigno nħatru bhala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti James Palmer u s-Supretendent tal-Isptar San Luqa għal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' Ottubru 2000, ipprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn esponew: -

Illi l-attriċi li kienet qed iġġarab disturbi f'wiċċha konsistenti f'uġiegħ qawwi u ħruq f'wiċċha kienet ħadet parir mediku mingħand il-konvenut Dr. Anthony Galea Debono fir-rigward ta' dawn id-disturbi u d-dijanjosi tal-istess Dr. Galea Debono kienet fis-sens li hija kienet qed tbati minn kondizzjoni magħrufa bit-terminu ta' "Trigeminal neuralgia" għalkemm kien ġie sottomess mill-konvenut li dawn it-tipi ta' disturbi jimmanifestaw ruħhom f'persuni ta' eta' aktar avvanżata;

Illi *in vista* ta' din id-dijanjosi l-konvenut amministra fuq perjodu konsiderevoli ta' żmien diversi mediċini li ma ħallew ebda eżitu pozittiv;

Illi fid-dawl ta' dijanjosi magħmula mill-imsemmi Dr. Galea Debono u *in vista* tal-fatt li l-mediċini amministrati ma ħallew ebda effett pozittiv il-konvenut Dr. Galea Debono ta parir mediku lill-attriċi Suzanne Schembri biex tagħmel intervent kirurgiku billi skont l-istess konvenut Dr. Galea Debono dan kien l-uniku mezz li l-attriċi setgħat tneħħi d-disturbi li kellha f'wiċċha konsegwenti għad-dijanjosi riferit ta' "Trigeminal neurolgia";

Illi fid-dawl ta' dan il-parir mediku, il-konvenut Dr. Anthony Galea Debono rrefera lill-attriċi lin-National Hospital fir-Renju Unit fejn hija kellha laqgħa mal-Consultant Neuro Surgeon James Palmer li għamel l-istess dijanjosi u in segwitu għamel intervent kirurgiku li ma kienx suċċess b'mod li d-disturbi f'wiċċ l-attriċi baqgħu jimmanifestaw ruħhom iżda *in oltre* b'żieda mad-disturbi oriġinarji bdew jimmanifestaw ruħhom distrubi ulterjuri fis-sens illi l-wiċċ l-attriċi safa imtarrax u barra minn hekk wiċċha beda jintefaħ u jiħmar perjodikament b'mod vistuz;

Illi sussegwentement l-attriċi ħadet diversi pariri mediċi kemm Malta kif ukoll barra minn Malta minn persuni kompetenti u lkoll qablu li l-mittenti ma kellhiex u qatt ma kienet tbati minn "Trigeminal neuroalgia" u li konsegwentement ma kienx hemm lok li tiġi riferita mill-konvenut Dr. A. Galea Debono lill-kirurgu James Palmer u lanqas kien hemm lok li jsir intervent kirurgiku a bażi ta' dijanjozi ta' "Trigeminal neurolgia";

Illi l-attriċi għadha *tutt'ora* tbati mill-istess disturbi li kellha qabel l-intervent kirurgiku riferit *oltre* d-disturbi li bdew jimmanifestaw ruħhom wara l-istess intervent;

Illi *in vista* ta' dan l-aġir kolpuz da parti tal-konvenuti jew min minnhom l-attriċi ġarrbet debilita u mankament f'ġisimha konsistenti fid-disturbi riferiti b'mod illi l-istess jew min minnhom huma tenuti li jirrisarċixxu lill-attriċi d-danni tal-volta subiti *in vista* tal-aġir kolpuz fuq riferit;

Għalhekk l-atturi talbu lil din  l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti huma responsabbli għad-debilita' u mankament subit mill-attriċi f'ġisimha u li qed jipprovokaw id-disturbi riferiti konsegwentement għall-aġir kolpuz tal-konvenuti u konsegwentement huma tenuti li jaddivjenu għar-risarċiment tad-danni mġarrba mill-attriċi konsegwenti għal akkadut;

2. Tilliwkida d-danni kollha talvolta dovuti lill-attriċi konsegwenti għall-akkadut okkorrendo l-opra ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu lill-attriċi d-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Lulju 2000 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess sad-data tal-effettiv pagament tad-danni likwidati, tordna l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 25 ta’ Mejju 2001 fejn talbu lill-Qorti  tinnomina Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti James Palmer fl-atti tal-kawza; u l-Qorti kif diversment presejduta nnominat bhala Kuraturi Deputati lil Dr Leslie Cuschieri u lil PL Louisa Tufigno, kif jidher bid-digriet moghti fit-28 ta’ Awwissu 2001.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-28 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet mressqa mill-imħarrkin ta’ Galea Debono datata 31 ta’ Ottubru 2001, (fol 12) li biha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari d-dezerzjoni tal-kawża, *stante* li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur kif preskritt fl-art. 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-eċċipjenti ġew notifikati biċ-ċitazzjoni saħansitra *oltre* sena wara minn dak in-nhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-isem tal-kovenuta in kwantu ġie indikat bħala Vivian Galea Debono ġie indikat ħażin u għalhekk in-notifika taċ-ċitazzjoni lilha hija nulla u bla effett;

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju, l-azzjoni attriċi hija preskritta għat-tenur tal-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) għaliex skont l-istess attriċi (Dok. A) l-eċċipjent kien ilu ma jaraha u jittrattaha minn Awwissu 1997 u fil-fatt l-aħħar deċiżjoni li hu kien ha fir-rigward tal-attriċi tirrisali addirittura għad-29 ta' Novembru 1996 fejn irrifera l-każ lil Mr. Afshar il-Visiting Neuro Surgeon tad-Dipartiment tas-Saħħa li fl-10 ta' Diċembru 1996 għamel konsulta fuq l-attriċi u ddeċieda li għandha tmur Londra ghall-intervent kirurgiku;

4. Illi subordinatament l-aġir professjonali tal-konvenut Dr. Anthony Galea Debono kien wieħed ineċċepibbli fir-rigward tal-kura medika u attenzjoni li hu ippresta lill-attriċi u sar dejjem *"secundum legis et artibus"* u d-dianjosi tiegħu kienet kondiviża minn ħafna tobba speċjalisti oħra u meta hu mbagħad irrefera l-pazjenta lill-kirurgu neurologiku, persuna altru milli kwalifikati fil-materja, ir-responsabbilta' tiegħu waqqfet hemm u ġara x'ġara wara hu ma jirrispondix għalih;

5. Illi l-konvenuta Galea Debono ma kellha x'taqsam xejn mal-kura professjonali li żewgha ppresta lill-attriċi u qatt ma tista' tiġi ritenuta responsabbli għad-danni fir-rigward tal-attriċi u għalhekk f'kull każ ġiet imħarrka inutilment (ara Art. 1324 tal-Kap. 16) u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi;

6. Illi f'kull każ l-imgħax mitlub qatt ma jista' jgħaddi mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni jew tal-ittra uffiċjali kif intalab fiċ-ċitazzjoni, għax, trattandosi ta' ammont mhux likwidu, l-imgħax - skont il-ġurisprudenza kostanti - jgħaddi biss mid-data ta' sentenza eventwali li tkun għaddiet in ġudikat;

7. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi b'rizerva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-konvenuti kontra l-istess atturi għall-ingurja, malafama u danni konsegwenzjali li huma sofrew u għad jistgħu jsofru bl-aġir irresponsabbli u l-allegazzjonijiet infondati tagħhom.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet mressqa mill-imħarrek Supretendent tal-Isptar San Luqa datata 1 ta' Novembru 2001 a fol 18 tal-process fejn espona: -

Illi preliminarjament id-dezerzjoni tal-kawża u dan *ai termini* tal-Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proceduri Ċivili *stante* li n-notifika taċ-ċitazzjoni lill-eċċipjent saret ferm wara l-iskadenza tas-sitt xhur preskritti fl-Artikolu msemmi;

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili *stante* t-trapass ta' sentejn minn meta l-attriċi kellha l-aħħar konsulta ma' Dr. Anthony Galea Debono;

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost fi kwalunkwe każ il-konvenut Dr. Frank Bartolo ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi. *Di piu`* ma jirrispondix għad-danni pretiżi mill-atturi *stante* li huwa ma kellu

x'jaqsam xejn ma' pariri mediċi u l-interventi li allegatament ingħataw u saru fuq l-attriċi;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati għall-assenti James Palmer datata 14 ta’ Novembru 2001, a fol 20 tal-process fejn eċċepew:

1. Illi b'digriet tat-28 ta' Awwissu 2001 huma ġew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti James Palmer;

2. Illi huma m'għandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u għalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-każ odjern;

3. Illi *in vista* ta' dak li jidher mill-atti tal-kawża, l-esponenti qed iqajmu eċċezzjoni *in linea* preliminari n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni fil-konfront tal-persuna minnhom rapprezentata *ai termini* ta' artikoli 741 u 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament ukoll qed titqajjem l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni tal-kawża *ai termini* ta' artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi l-eċċipjenti qed jissollevaw il-preskrizzjoni tas-sentejn;

6. Illi huma jirriservaw li jeċċepixxu ulterjorment;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi datata 4 ta’ April 2002[1], dwar l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni.

Rat in-nota responsiva ta’ Dr. Frank Bartolo datata 8 ta’ Mejju 2002[2] dwar l-imsemmija eċċezzjoni.

[1] Paġġ. 29-30 tal-proċess
[2] Paġġ. 33-4 tal-proċess

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet mill-imħarrkin miżżewġin Galea Debono bi tweġiba dwar l-istess eċċezzjoni datata 24 ta' Mejju 2002[3].

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati dwar l-eċċezzjoni taħt eżami;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tat-26 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tad-dezerzjoni; il-verbali l-ohra kollha nkluz dak tat-22 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza baqghet differita ghall-istess skop; u l-verbal tal-5 ta' Gunju 2003 fejn inghatat sentenza *in parte* fejn gie deciz mill-Qorti kif diversament presjeduta illi: -

***"Tiċħad bħala nfondata l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni*** *imtella' minn kull wieħed mill-imħarrkin, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u*

***Tordna*** *li s-smigħ tal-kawża jitkompla."*

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kuraturi Deputati datata 20 ta' Mejju 2004 a fol 62 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti Dr Anthony Galea Debono u Vivien Galea Debono datata 18 ta' Gunju 2004 a fol 64 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici Susan Schembri u l-Kuraturi deputat Dr. Leslie Cuschieri. Il-Qorti rat in-noti mressqin mill-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-istess eccezzjoni ghat-3 ta' Marzu 2005; u l-verbali l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta' Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' April 2013.

---

[3] Paġġ. 37 sa 41 tal-proċess

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-istess Qorti din il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghas-26 ta' Settembru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu r-risarciment tad-danni kkagunati lill-attrici Suzanne Schembri minnhabba agir kolpuz da parti tal-konvenuti konsistenti f'dijanjosi zbaljata tal-kondizzjoni medika taghha li minnhabba f'hekk garrbet debilita' f'gisimha. L-atturi b' hekk iridu li l-konvenuti jew min minnhom, jaghmel tajjeb ghall-hsara hekk ikkagunata.

Il-konvenuti, min-naha taghhom ressqu diversi eccezzjonijiet, sew ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu billi mhumiex qed jaccettaw htija ghal dak li allegatament sehh lill-attrici.

## IL-FATTI FIL-QOSOR

L-attrici kellha disturbi f'wiccha konsistenti f'ugiegh qawwi u hruq.  Hi talbet parir mediku mill-konvenut Dr. Anthony Galea Debono li d-dijanjosi tieghu kienet fis-sens li qed tbaghti minn "*Trigeminal Neuralgia*". Din il-kondizzjoni ppersistiet minkejja trattament mediku. Sussegwentement hu rreferiha lin-*National Hospital* fir-Renju Unit fejn giet invistata mill-konsulent James Palmer li ghamel l-istess dijanjosi u, in segwitu, ghamel intervent kirurgiku. Madanakollu l-kondizzjoni taghha ma ttejbitx. L-attrici ssostni li minħabba dijanjożi u kura li hija tgħid li ngħatawlha ħażin, mill-konvenuti jew min minnhom, hi għadha tbati minn disturbi.  Hija trid  ghalhekk li l-

konvenuti jew min minnhom, jagħmlu tajjeb għal din il-ħsara.

## ECCEZZJONI DWAR NUQQAS TA' GURISDIZZJONI

Din is-sentenza tikkoncerna l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-kuraturi deputati fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom[4] li fiha qieghed jinghad illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi din il-kawza fil-konfront tal-konvenut assenti James Palmer, *ai termini* tal-artikoli 741 u 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-eccezzjoni in kwistjoni hija wahda li tista' anke titqanqal *ex officio* purke' dan isir *in limine.*[5]

L-artikolu **742 tal-Kap 12** jibda biex jiddisponi li "(1) *Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort' ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija"* u jelenka l-kazijiet fejn il-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna, f'materja li tkun fil-kompetenza rispettiva taghhom, tigi radikata.

Illi jibda biex jinghad li, minkejja l-mod kif l-artikolu 742(1) huwa mfisser, il-kwistjoni ta' jekk Qorti Maltija ghandhiex is-setgha li tisma' u tqis kawza mressqa quddiemha (u li l-mertu taghha jaqa' fil-kompetenza taghha) trid titqies b'riferenza ghall-kwalitajiet tal-persuna mharrka, l-izjed fejn ir-raguni tal-gurisdizzjoni hija mibnija fuq il-prezenza tal-parti mharrka f'Malta. Din it-tifsira m'hija xejn ghajr l-applikazzjoni tal-massima guridika ewlenija li *actor sequitur forum rei* u tal-ohra li tipprovdi *ubi te invenio, ibi te convenio*.[6]

---

[4] Fol. 20 tal-process.

[5] Kumm. **14.5.1957** fil-kawza fl-ismijiet ***Portelli vs Portanier Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XLI.iii.1228**)

[6] **Angelo Cutajar and Sons Ltd v Dr. Anthony Cremona noe** - PAJRM Dec. 16 ta' Ottubru 2003;**Raymond Calleja v Dr. Raymond Pace et** noe. App.Civ.dec 31 ta' Jannar 1996

Jirrizulta mhux ikkontestat li, fil-konfront tal-konvenut James Palmer, kemm il-konsulta medika, kif ukoll l-operazzjoni sehhew fir-Renju Unit. Indubbjament il-konvenut Palmer ma jaqax taht il-persuni mdahhlin fl-artikolu **742(1) (a)** u lanqas dawk imdahhlin fl-artikolu **742(1)(b)** peress li ma jirrizultax li ghandu c-cittadinanza Maltija jew li hu domiciljat f'Malta. Fuq dawn iz-zewg sub-artikoli, gie ritenut li l-kriterju ta' gurisdizzjoni mhuwiex daqstant ic-cittadinanza imma d-domicilju tal-konvenut.[7]

Lanqas ma jidher li tista' tapplika c-cirkostanza msemmija fl-artikolu **742(1)(c)** ghaliex dik id-disposizzjoni tapplika ghal azzjoni reali dwar haga li tkun tinsab f'Malta, u l-kawza odjerna hija wahda personali ghad-danni.

Riferibbilment ghas-sub-artikoli **742(1)(d) u (e)**, li huma predikati fuq il-prezenza tal-konvenut f'Malta, jinghad li bi "prezenza" wiehed ma jifhimx biss prezenza attwali u fizika, imma jinkludi fiha wkoll prezenza permezz ta' persuna rapprezentanti taghha[8]. Minbarra dan, il-kelma "obbligazzjoni" m'ghandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma ghandha tghodd ghal kull rabta li titnissel *ex lege*, minn kuntratt u sahansitra minn dawk imnisslin *ex delicto*[9].Gie ritenut li In kwantu ghall kelma "obligazzjoni""*din ma tirriferixxix biss ghall-obbligazzjonijiet konvenzjonalment assunti b'kuntratt izda tikkomprendi kull xorta ta' obbligazzjoni*.."[10].

Madanakollu ma jirrizultax ippruvat li l-konvenut Palmer kien prezenti f'Malta meta nbdew il-proceduri jew li hu rapprezentat b'mandatarju. Anzi dwar dan il-punt ma

[7] **Dr. Mark Fenech noe v. Jean Clark** -App.Civ.dec.6 ta' April 1992

[8] Kumm. 29.5.1959 fil-kawza fl-ismijiet "**Parnis England noe vs England noe."** (Kollez. Vol:XLIII.iii.)

[9] Ara, per ezempju, P.A. 11.1.1918 fil-kawza fl-ismijiet "**G.E.C. vs Page et."** (Kollez. Vol: XXIII.ii.277); u " **Annati v Dr. Sammut noe**."(Kollez.Vol. X p.643)fejn gie ritenut li "*La dizione 'contrarre un'obbligazione e' dalla legge applicata indistintamente, tanto riguardo alle obbligazioni convenzionali,quanto alle contratte senza contratto, sia per quasi contratto, per delitto e quasi delitto."*

[10] **"Carmelina Fernandez -v- Publio Pace noe "** - Q.A. dec. fil-11 ta' Marzu 1963

jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet, u difatti l-kuraturi nhatru biex jirraprezentaw persuna assenti. Ghalhekk jibqa' l-kwezit, sollevat mill-Kuraturi stess, jekk il-fatt tan-nomina ta' kuraturi deputati biex jirraprezentawh huwiex bizzejjed biex jirradika l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna fil-konfront tieghu.

Din il-kwistjoni giet ikkonsidrata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza bl-ismijiet **"Angelo Cutajar and Sons Ltd v Dr. Anthony Cremona noe"** fuq citat. Il-Qorti f'dik is-sentenza, dahlet sew fil-gurisprudenza fuq dan il-punt u kkonkludiet li "*Il-Qorti hija tal-fehma li l-hatra wahedha ta' Kuratur Deputat ghal parti li ma tkunx tinsab f'Malta m'hijiex bizzejjed biex issejjes l-element ta' prezenza fil-gurisdizzjoni, fejn tali prezenza hija mehtiega, imma sservi biss biex tintegra l-gudizzju fejn,* ***minhabba cirkostanzi ohrajn li bihom il-gurisdizzjoni hija altrimenti stabbilita****, kawza titressaq quddiem Qorti Maltija. Li kieku kellha tinghata tifsira ohra, kien ikun ifisser li l-htiega tal-ligi ghall-prezenza tal-parti mharrka f'Malta kienet tkun wahda semplicement tejoretika, billi din setghet tingheleb kull darba billi wiehed jirrikorri ghall-hatra ta' Kuratur Deputat u b'hekk johloq "il-prezenza". (*Enfasi ta' dik il-Qorti). Din il-Qorti tikkondividi il-fehma espressa f'din is-sentenza.

Jibqa' ghalhekk is-sub-artikolu **742(1)(f**) "*Mhiex bizzejjed biex tirradika l-istess gurisdizzjoni 'una speranza di esecuzione futura, ma s'impone la necessita' di accertarsi sul principio della lite se, nell'assenza dell;individuo azionato, vi sono beni nel Isola sopra i quali possa essere eseguito il gudicato****." (Kollezz XVI-III-I***). Jenhtieg li jkun hemm ic-certezza li s-sentenza tista' tigi esegwita ghaliex il-gurisdizzjoni "*hija ta' ordni pubbliku, u l-ezegwbbilita' taghha tikkostitwixxi l-element indispensabbli u l-bazi ta' l-istess gurisdizzjoni*."[11] Lanqas jista' jinghad li sentenza jista' jkollha ezekuzzjoni anki semplicement *per via* tal-iskrizzjoni tal-Ipoteka fir-Registru Pubbliku "*ghaliex ghall-*

[11] Kollez. XXVI. Pt. I.Sez.II. p 37

*finijiet tal-gurisdizzjoni din tibqa' dejjem mera speranza ta' ezekuzzjoni*".[12]

Irid jintwera wkoll li fejn dan l-element huwa mehtieg fil-waqt li nbdiet il-kawza, l-konvenut kellu f'Malta gid li fuqu l-eventwali sentenza moghtija kontrih setghet tigi ezegwita. L-esegwibbilita' hija presunta: "*Safejn ma jigix muri mod iehor, huwa meqjus li sentenza moghtija kontra persuna barranija tista' tigi ezegwita f'Malta*.[13]" Jidher li, b'harsien tal-principju li min jeccepixxi jrid jipprova, jaqa' fuq min jallega li l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li juri kif imiss ukoll li l-parti mharrka m'ghandhiex gid f'Malta li fuqu sentenza tista' tigi ezegwita.

Il-Qorti ikkonsidrat li ma tressqet ebda prova li tindirizza l-esegwibbilita` *o meno* f'Malta tal-eventwali sentenza f'din il-gudizzju b'mod li l-presunzjoni fuq imsemmija tista' tonqos. Tant hu hekk li l-atturi f'din il-kawza rrilevaw li meta ipprezentaw ic-citazzjoni, talbu n-nomina ta' kuraturi ghaliex ma kienux jafu fejn il-konvenut kien imsiefer. Il-Kuraturi Deputati, da parti taghhom, eccepew li m'ghandhomx il-mezzi kif jikkomunikaw mal-konvenut rapprezentat minnhom. B'hekk il-Qorti tifhem li l-kuraturi lanqas ghandhom informazzjoni rigward il-beni li jista' jippossjedu l-konvenut Palmer f'Malta, u f'tali kaz, ma tistax fl-assenza ta' tali prova, tabdika mill-gurisdizzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq imfissra, hija tal-fehma li ghandha s-setgha li tisma' u tiddeciedi l-kawza mressqa mill-atturi konjugi Schembri kontra l-konvenut assenti James Palmer kif rapprezentat mill-Kuraturi Deputati, u li ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-gurisdizzjoni m'hiex gustifikata;

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad l-eccezzjoni preliminari dwar gurisdizzjoni** mressqa mill-Kuraturi Deputati;

---

[12] **Carmelo Grech v PL Busuttil noe** - App Civ.dec. 7 ta' Dicembru 1953; **Alfred Cassar v Gerald Montanaro Gauci-** PA. Dec 3 ta' Dicembru 1962.

[13] **"Cutajar and Sons Ltd v Dr. Anthony Cremona noe".** *Ibid.*

**Tiddikjara** li l-kawza odjerna mressqa mill-atturi Mario u Suzanne Schembri taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta anke fil-konfront tal-konvenut assenti James Palmer ghall-finijiet kollha tal-ligi; u

**Tordna** li s-smigh tal-kawza jitkompla.

L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------